MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2011

Numru. 1261/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**
**vs**
**Sylvester James**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Sylvester James ta’ 22 sena, iben Anthony u Helen nee’ Galea, mwieled Pieta’ fit-28 t’April 1986 u residenti nru 12, Triq Guze’ Pace, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 209586(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-22 ta’ Dicembru 2008 fi Triq Guze’ Pace gewwa l-Hamrun ghal habta ta’ 15.45hrs, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara fuq vetturi tal-marka Seat Toledo bin-numru tar-registrazzjoni EAC405 ghad-dannu ta’ Melvin Mifsud u hsara fuq Honda Civic bin-numru tar-registrazzjoni IAW215 ghad-dannu ta’ Silvano Fenech liema hsara tiskorri il-€116.47 izda mhux

il-€1,164.69 bi ksur tal-art 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess jum, lok u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Maria Anna Mifsud.

Fl-istess hin, jum, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied bi ksur tal-artiklu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati 8/3/07.

F' kas ta' htija il-Qorti kienet mitluba li tapplika il-provediment tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur ta' Silvano Fenech u Marianne Mifsud.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta' Dicembru, 2008 (esebit *a folio* 10 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-23 ta' Dicembru, 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda li nqalghet fit-22 ta' Dicembru 2008 ghall-habta tal-3.45pm barra l-fond numru 12, Triq Guze' Pace, il-Hamrun bejn min-naha l-wahda Marianna Mifsud u Melvin Mifsud u min-naha l-ohra l-imputat Sylvester James fejn giet kagunata hsara fuq zewg vetturi, wahda tal-marka Seat Toledo bin-numru tar-registrazzjoni EAC 405 ghad-dannu ta' Melvin Mifsud u l-ohra Honda Civic bin-numru tar-registrazzjoni IAW 215

ghad-dannu ta' Silvano Fenech u fejn Marianna Mifsud sofriet griehi ta' natura hafifa.

Il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox kunfliggenti. Min-naha l-wahda Marianna Mifsud u binha Melvin Mifsud li t-tnejn xehdu waqt l-udjenza tad-9 ta' Lulju 2009 qalu li huma kienu marru ihabtu fil-fond residenza tal-imputat sabiex ikelmu lil martu meta huwa beda' jwaddab oggetti bhal hadid u ghodda mill-gallarija tal-fond tieghu ghal fuq il-vettura taghhom fejn giet kagunata hsara fl-istess vettura u li meta Melvin Mifsud mar l-Ghassa sabiex jaghmel rapport lil Pulizija l-imputat hareg ghal Marianna Mifsud b'hadida u laqtilha spallitha u taqbilha s-saqaf tal-vettura taghha. L-imputat min-naha l-ohra kemm meta rrilaxxja stqarrija[1] kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2010 cahad li huwa kien ikkaguna xi hsara fil-vettura ta' Mifsud jew f'vetturi ohra parkeggjati fit-triq u qal li Marianna u Melvin Mifsud kienu marru jattakkawh f'daru fejn ikkagunaw hsara fil-bieb ta' barra u li Melvin Mifsud kien attakkah b'hadida. Meta xehed huwa kien ghal kollox inkonsistenti dwar dak li gara.

Ikkunsidrat:

Illi l-unika xhud indipendenti f'dawn il-proceduri, Silvano Fenech, li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta' Novembru 2009 qal li f'data li ma jifatakarx x'kienet huwa kien id-dar tat-tfajla tieghu l-Hamrun meta sema' hafna storbju fit-triq u hareg barra u ra lill-imputat jiggieled ma' certu Melvin u qal li gew xi affarijiet fuq il-vettura tieghu waqt il-glieda u giet kagunata hsara izda la qal f'hiex kienet tikkonsisti l-hsara u l-anqas esebixxa xi dokumenti li jindikaw il-hsara x'kienet.

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm jezisti kunflitt fil-provi huwa ben rrisaput li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberatorja. F'dan il-kaz id-Difiza ssostni li l-imputat gie provokat minn

[1] Inserita a fol. 25 u 26 tal-atti processwali.

Marianna u Melvin Mifsud kif ukoll li huwa agixxa sabiex jiddefendi lilu nnifsu. Il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha migjuba mill-partijiet f'dan il-kaz jidrilha li m'ghandha ebda raguni il-ghala tiddubita minn dak li xehdu Melvin u Marianna Mifsud. Filwaqt li temmen li dawn tal-ahhar marru d-dar tal-imputat ghas-sodisfazzjoni ghaliex kif qalu huma stess kienu ddispjacuti ghaliex xi nies kienu qed jghidulhom li l-imputat kien qed jghid affarijiet inveritjieri dwar Marianna Mifsud li kienet qed tiehu kura minhabba marda serja li kellha, l-Qorti jidrilha li jekk semmai l-imputat gie provokat huwa ecceda bil-bosta l-limiti tal-provokazzjoni bl-agir tieghu kif jirrizulta mix-xhieda ta' Mifsud. Sfortunatament f'dawn il-proceduri l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq il-provi sal-grad rikjest mill-ligi dwar il-hsarat allegatament kagunati fil-vetturi msemmija fic-charge sheet stante li ghalkemm giet esebita kopja ta' ricevuta (a fol. 24) u stima (a fol. 74) dawn id-dokumenti la fihom dettalji ghall-liema vetturi jirreferu u l-anqas gew ikkonfermati bil-gurament mill-persuni li rrilaxxjawhom. Il-Prosekuzzjoni naqset li ggib provi sal-grad rikjest mill-ligi dwar x'kienu l-hsarat allegatament kawzati mill-imputat jew dwar l-entita' tal-hsara u l-Qorti ma' tistghax ghalhekk tqies li l-ewwel imputazzjoni giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

In kwantu jirrigwarda t-tieni u t-tielet imputazzjoni kif diga' intqal aktar il-fuq il-Qorti qed taghzel li temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Marianna u Melvin Mifsud u ghalhekk jidrilha li mix-xhieda ta' dawn it-tnejn jirrizulta pruvat li l-imputat ikkaguna griehi ta' natura hafifa lill-istess Marianna Mifsud u kiser il-buon ordni u paci pubblika b'ghajjat u glied. In kwantu jirrigwarda l-griehi sofferti minn Marianna Mifsud il-Prosekuzzjoni esebit certifikat mediku a fol. 11 tal-atti processwali minn fejn jirrizulta li l-griehi sofferti kienu ta' natura hafifa liema certifikat gie debitament ikkonfermat bil-gurament mit-tabib li rrilaxxjah, Dr. John Schembri, li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-9 ta' Lulju 2009. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

F'dawn il-proceduri inghata wkoll l-addebitu tar-recidiva izda l-Prosekuzzjoni la esebiet is-sentenza li ghamlet referenza ghaliha fic-charge sheet u wisq anqas gabet il-prova li din is-sentenza inghatat fil-konfronti tal-imputat fil-kawza odjerna. Il-Qorti ghalhekk tirritjeni li l-addebitu tar-recidiva ma jirrizultax pruvat.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li ghalkemm il-fedina penali tal-imputat m'hijiex wahda nadifa ma' hemm xejn allarmanti fiha u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi, piena pekunjarja tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 221 u 338(dd) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa kumplessiva ta' hames mitt Ewro (€500). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat b'obbligazzjoni personali taht penali ta' hames mitt Ewro (€500) milli jimmolesta jew jivvessa lil Marianna u lil Melvin Mifsud.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------